**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : XLVIII**
**Appell Nru: 34/2001**

**Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**PAUL CACHIA**

**Illum, 14 ta'Mejju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Paul Cachia talli:

1. Fil-11 t'Ottubru, 1992, u fil-granet ta'qabel, fil-MIA, ikkommetta serq ta'vettura ta' l-ghamla Mercedes ta'kulur griz bin-numru tar-registrazzjoni C-4334, a detriment ta'Joseph Deguara, liema serq hu kwalifikat bil-valur li jeccedi l-Lm1,000, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan ai termini ta' l-Artikoli 261, 267, 270, 280, u 281 tal-Kodici Kriminali ;

**2.** F'Novembru, 1998, u fiz-zmien ta'qabel, xjentement f'Malta laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u

cioe', ta'vettura ta' l-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni C-4334, ta'valur li jeccedi l-Lm1,000, a detriment ta'Joseph Deguara, ai termini ta' l-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali ;

**3.** Bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta'flus ta'sigurta' kontra r-riskji, jew xi qligh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred 'l hawn u 'l hemm jew gharraq b'xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu, u cioe', karozza ta' l-ghamla Mercedes bin-numru tar-registrazzjoni C-4334, ai termini ta' l-Artikolu 295 tal-Kodici Kriminali ;

**4.** B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta'ismijiet foloz, jew ta'kwalita' foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta'intraprizi foloz, jew ta'hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta'aktar minn Lm1,000 ghad-dannu tas-socjeta' assikuratrici Elmo Insurance u persuni ohra, ai termini ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra li tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-Paul Cachia sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fit-2 ta'Frar, 2001, li biha filwaqt li ma sabetx lill-Paul Cachia hati fuq l-ewwel, it-tielet u r-raba akkuzi w illiberatu minnhom, sabitu hati tat-tieni akkuza biss, cioe' dik tar-reat ta'ricettazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 334 tal-Kap. 9, u fuq din l-akkuza kkundannatu ghall-piena ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn ai termini ta' l-Artikolu 28 A (1) tal-Kodici Kriminali.

Rat ir-rikors t'appell ta'Paul Cachia datat 14 ta'Frar, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti liberatorja taghha dwar l-ewwel, it-tielet u r-raba akkuzi, tirrevokaha w thassarha f'dik il-parti fejn l-ewwel Qorti kienet sabitu hati fuq it-tieni akkuza w b'hekk tilliberah minn kull imputazzjoni, htija w piena.

Rat l-aggravju ta'l-appellant.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-aggravju ta' l-appellant huwa bazat purament fuq kwistjoni ta' apprezzament tal-fatti w provi li sar mill-ewwel Qorti, li, skond hu, kien apprezzament hazin.

Il-Qorti ghalhekk ghamlet l-apprezzament taghha tal-provi u dan sabiex taqdi l-funzjoni ta'revizjoni taghha u tara jekk mill-provi li kien hemm f'dawn il-proceduri setghetx l-ewwel Qorti ragjonevolment tasal sabiex issib htija fl-appellant fuq it-tieni akkuza dedotta kontrih li tittratta r-reat ta' ricettazzjoni ai termini ta' l-Artikolu 334 tal-Kap. 9.

Bla ezitazzjoni ta' xejn din il-Qorti tghid li l-provi li hemm fl-atti, safejn jirrigwardaw din l-akkuza, huma ferm nieqsa jew skarsi. Hemm hafna assunzjonijiet u supposizzjonijiet li qatt ma jistghu jwasslu sabiex tinstab htija u dan lil hemm minn kull dubju ragjonevoli. Il-prosekuzzjoni allegat li l-vettura in kwistjoni kienet fil-pussess ta'hafna nies. Il-logika w il-buon sens kienu jirrikjedu li dan tippruvah billi tressaq il-provi relattivi bhal, per ezempju, tipproduci lil dawn in-nies kollha sa fejn hu possibbli. Fil-fatt ressqghet xi tnejn minnhom biss, il-bqija hija biss allegazzjoni tal-prosekuzzjoni li din il-vettura daret minn hafna idejn. Il-prosekuzzjoni ssemmi min kienu dawn in-nies izda naqset li tipproducihom, li kienet tkun l-ahjar prova sabiex tohloq il-katina necessarja li torbot lill-appellant mal-vettura in kwistjoni. Lanqas ma jidher li kien sar xi tentattiv minn naha tal-pulizija investigattiva sabiex tipproduci lil

dawn in-nies kollha li jsemmi l-Ufficcjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi. Anke x-xhieda moghtija mix-xhud principali Joseph Mifsud hija nieqsa minn dawk l-elementi kollha mehtiega sabiex tirrendi lil dan ix-xhud bhala wiehed kredibbli skond il-ligi. Ix-xhieda tieghu hija wahda vaga w incerta ghall-ahhar u qatt ma tista' twassal minghajr dubju ragjonevoli fic-certezza morali li l-appellant kien xi darba fil-pussess tal-Mercedes in kwistjoni numru C-4334 f'cirkostanzi li ragjonevolment kienu juru li dik il-vettura kellha provenjenza illegali.

In konkluzzjoni, ghalhekk, hija l-fehma ta' din il-Qorti li wara li rat u ezaminat il-provi kollha fl-assjem taghhom, in bazi ta' dawk il-provi tant konfuzjonarji w skarsi, l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment issib u tiddikjara htija fl-appellant fit-tieni akkuza dedotta kontrih.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-appell ta'Paul Cachia, dan billi filwaqt li qed tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, qed thassarha u tirrevokaha fil-bqija fejn kienet sabitu hati, u ghalhekk hu qed jigi misjub mhux hati w konsegwentement illiberat minn kull akkuza, htija w piena.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur